**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dr. Austin Gatt *noe*

*versus*

Onorevoli Tony Nicholl *et*

## Appell - Kawtela - Deżerzjoni

*Provvediment tal-Qorti dwar kawtela in vista li kien hemm żewġ appelli u verbal illi f'każ li jkun hemm żewġ appelli jkun biżżejjed kawtela waħda.*

*Il-Qorti sabet illi l-appelli mhux identiċi u illi l-interess tal-konvenut mhux koestensiv ma' dawk tal-konvenuti l-oħra in vista ta' dan*

*kienet rikjest kawtela u fin-nuqqas taghha l-appell mar deżert.*

Il-Qorti:-

F'dan l-istadju preliminari din il-Qorti ghandha tiddecidi biss kwistjoni dwar jekk l-appell intavolat mill-Onorevoli Tony Nicholl kien mar deżert jew le billi baqa' ma giex sal-lum ikkawtelat. Irriżulta li dan il-konvenut gie nnotifikat bl-avviż ghad-depożitu tal-kawtela fis-6 ta' Ottubru, 1997, waqt li l-ewwel jum tas-smigh kien iffissat ghall-10 ta' Dicembru, 1997. Id-depożitu ghall-appell kellu allura jsir mhux aktar tard mid-9 ta' Dicembru, 1997, u b'dan hu kien gie debitament innotifikat iżda baqa' inadempjenti. Hu qieghed issa jippretendi, kif jidher mill-verbal tat-3 ta' Gunju, 1998, illi "f'każ li jkun hemm <u>zewg appelli principali</u> fuq l-istess meritu kien biżżejjed li jkun hemm kawtela wahda", u fuq dan il-punt li din il-Qorti jehtigilha tiddecidi f'dan l-istadju. Jinghad qabel xejn li mhux korrett l-appellant meta jissottometti illi ż-żewg appelli ghandhom l-istess meritu. Ghandhom verament l-istess kawżali in kwantu t-talbiet ta' l-attur *nomine* kontra t-tliet konvenuti jemanu mill-istess premessi ta' allegazzjoni ta' agir difamatorju fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista kif rappreżentat mill-attur *nomine*, però, it-talbiet huma mmirati kontra l-istess konvenuti individwalment u l-Qorti hi mitluba li tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal ammont ta' danni minnha llikwidat li kien jirrifletti r-responsabbilità illi kull wiehed minnhom ghal kitba difamatorja jekk din tirriżulta ppruvata. Certament allura ż-żewg appelli ma jistax jitqies li huma appelli fuq l-istess meritu. Tant li mhux eskluż li l-interess guridiku tal-konvenut Nicholl ma jkunx identiku u koestensiv ma' dak tal-konvenuti l-ohra Agius u Cutajar, is-sottomissjoni ta' l-appellant Nicholl hi legalment insostenibbli. Infatti, l-artikolu 249 jesigi illi l-garanzija ghall-ispejjeż ta' l-appell ghandha ssir u tigi depożitata fil-Qorti sa minn lanqas jum qabel ma jibda jinstema' dak l-appell (artikolu 249 (*1*)). Dan ifisser li kull appell

prinċipali għandu jkun munit b'din il-garanzija. Mhux biss il-liġi espressament tistipula f'liema każijiet ma kienx meħtieġ *illi* l-appellant jipproduċi garanzija, kif tipprovdi per eżempju fis-subinċiż (8) ta' l-artikolu 229 li jistipula li l-garanzija imsemmija fl-artikolu 249 tal-liġi prinċipali ma kinitx meħtieġa fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu 6 ta' dan l-artikolu li *jittratta dwar appelli minn digrieti f'ċertu każi. L-istess artikolu* 249 infatti jispeċifika illi kawtela kellha ssir "sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor b'xi liġi oħra f'każ ta' appell minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża mibdija b'ċitazzjoni". Ma hemm xejn ipprovdut fil-liġi li fil-każ ta' aktar minn appell wieħed *prinċipali fuq l-istess meritu, ikun biżżejjed li ssir kawtela* waħda għall-ispejjeż;

Biżżejjed jingħad li kull appell jiġi ntaxxat separatament u konsegwentement huma l-ispejjeż ta' kull appell li kellhom jiġu kkawtelati. *Dan apparti l-konsiderazzjoni* appena magħmula *illi* bħala fatt ma jirriżultax illi l-meritu taż-żewġ appelli huwa identiku;

Għal dawn il-motivi s-sottomissjoni tal-konvenut appellant Nicholl qed tiġi miċħuda u l-appell tiegħu ddikjarat deżert bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Il-kawża tibqa' differita għall-kontinwazzjoni biex jinstema' u jiġi ttrattat l-appell tal-konvenuti l-oħra.